

Brussell, 8 ta' Ġunju 2017
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2015/0287 (COD)

10080/1/17
REV 1

JUSTCIV 139
CONSOM 248
DIGIT 160
AUDIO 86
DAPIX 227
DATAPROTECT 114
CULT 85
CODEC 1001

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: Nru dok. Cion:	9901/17 + ADD 1, 9832/17, 9833/17 15251/15
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw il-kuntratti għall-forniment ta' kontenut diġitali (L-ewwel qari) - Approċċ ġenerali = Dikjarazzjonijiet mid-delegazzjonijiet li għandhom jiġu inklużi fil-minuti tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness Dikjarazzjoni konġunta mid-delegazzjoni tal-Portugall, Franza, l-Italja, ir-Rumanija u Ċipru, Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni tal-Awstrija, u Dikjarazzjoni konġunta mid-delegazzjoni tal-Latvja, il-Litwanja u l-Lussemburgu li għandhom jiddaħħlu fil-minuti tal-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni), tat-8 u d-9 ta' Ġunju 2017.

Dikjarazzjoni oħra mid-delegazzjoni tar-Repubblika Ċeka li għandha tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni), tat-8 u d-9 ta' Ġunju 2017, tinsab fid-dokument 9833/17.

**Dikjarazzjoni Konġunta mill-Portugall, Franza, l-Italja, ir-Rumanija u Ċipru li għandha
tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill**

Il-Portugall, Franza, l-Italja, ir-Rumanija u Ċipru jirriżervaw id-dritt li jaħdmu għal titjib tat-test fin-negozjati interistituzzjonali futuri mal-Parlament Ewropew u jistennu li t-trilogu ser iwassal għal direttiva aktar ambizzjuża li tiffavorixxi l-protezzjoni tal-konsumatur fl-Unjoni Ewropea, partikolarment fid-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-inverżjoni tal-oneru tal-provi fuq il-fornitur.

Il-kompromess propost mill-Previdenza, b'armonizzazzjoni ta' mhux aktar minn sena, mhuwiex konformi mal-armonizzazzjoni ta' mhux inqas minn sentejn stabbilit għal-limitu ta' żmien fuq ir-responsabbiltà tal-fornitur (garanzija legali), u dan ser jimpedixxi b'mod mhux ġustifikat il-protezzjoni tal-konsumaturi tagħna fir-rigward ta' kontenut diġitali jew servizzi diġitali li huma tipikament kumplessi ħafna.

Mhux raġonevoli li jkun mistenni li l-konsumaturi ser ikunu jistgħu jifhmu b'mod sħiħ tali kontenut jew servizzi diġitali, wisq inqas li ser ikunu jistgħu jagħtu provi ta' nonkonformità meta sseħħ wara sena biss minn forniment ta' darba biss.

Fil-każ tal-Portugall, Franza, l-Italja, ir-Rumanija u Ċipru l-armonizzazzjoni massima ta' sena għal-limitu ta' żmien għall-inverżjoni tal-oneru tal-provi u n-nuqqas ta' allinjament mal-limitu ta' żmien propost ta' sentejn għar-responsabbiltà tal-fornitur (garanzija legali) ser jirrappreżentaw intopp kbir għall-protezzjoni tal-konsumatur.

Dikjarazzjoni mir-Repubblika tal-Awstrija għal inklużjoni fil-minuti tal-Kunsill

Minkejja t-tħassib tagħha dwar ir-rekwiżit ta' sistema ta' garanzija speċifika għal kuntratti dwar il-forniment ta' kontenut diġitali, l-Awstrija dejjem ħadet sehem b'mod attiv u kostruttiv fin-negożjati fil-grupp ta' ħidma tal-Kunsill. Ta' dispjaċir akbar huwa l-fatt li ħafna mill-proposti tal-Awstrija, kemm dwar kwistjonijiet ta' kontenut kif ukoll dawk dwar l-abbozzar legali, mhumix riflessi fit-test ta' compromess attwali, minkejja li kienu appoġġati minn Stati Membri oħra. Għalkemm sar progress matul in-negożjati, għad hemm elementi fit-test ta' compromess li mhumix ċari u li ser iwasslu għal inċertezza legali konsiderevoli. Dan japplika partikolarment għad-dispożizzjonijiet dwar kontenut diġitali integrat fi prodotti. Fl-interess ta' regolamentazzjoni trasparenti, ir-regoli dwar dawn il-prodotti jeħtieġ li jiġu stabbiliti b'mod li bih ikunu jistgħu jiġu segwiti faċilment mill-konsumaturi, il-fornituri u l-prattikanti legali, sabiex jiġu evitati problemi ta' differenzazzjoni. Sfortunatament, it-test attwali ma jissodisfax b'mod fundamentali din il-ħtieġa. Abbozzar legali li mhux ċar jaffettwa wkoll id-dispożizzjonijiet dwar il-bidu tal-limitu ta' żmien għall-garanzija (Artikolu 9a(3)(ii) u dwar it-terminazzjoni ta' kuntratti (Artikolu 13a(1) flimkien mal-Artikolu 13b(3)).

Barra minn hekk mhux dejjem instab il-bilanċ adatt bejn l-interessi tal-fornituri u dawk tal-konsumaturi. Rigward il-kwistjoni tal-inverżjoni tal-oneru tal-provi fl-Artikolu 10(1a), l-Awstrija dejjem kienet favur limitu ta' żmien ta' sitt xhur għall-inverżjoni tal-oneru tal-provi. Id-dispożizzjonijiet dwar il-limitu ta' żmien ta' sena għall-inverżjoni tal-oneru tal-provi u dwar il-garanzija skont kuntratti mingħajr ħlas fejn tiġi proċessata data personali, ser jikkawżaw piż kbir fuq il-fornituri. Min-naħa l-oħra, id-dritt unilaterali Prattikament mhux limitat tal-fornituri biex jimmodifikaw il-kontenut, jirrappreżenta deterjorazzjoni tal-pożizzjoni tal-konsumatur. Hawnhekk - kif l-Awstrija pproponiet ripetutament, jeħtieġ li jiġi inkorporat kriterju li jieħu kont debitu tal-interessi tal-konsumatur, bħal pereżempju jekk il-modifika saritx b'mod li l-konsumatur jista' jkun raġonevolment mistenni jaċċetta.

Fl-aħħar nett, id-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-proposta huma konnessi mill-qrib ma' dawk tal-proposta parallela dwar ċerti aspetti rigward kuntratti għall-bejgħ ta' oġġetti online u oħrajn minn distanza, sabiex il-garanzija fil-kuntratti għall-forniment ta' kontenut diġitali vera ma tiġix trattata b'mod separat.

Dikjarazzjoni Konġunta mil-Latvja, il-Litwanja u l-Lussemburgu li għandha tiġi inkluża
fil-minuti tal-Kunsill

Prodotti diġitali li qed jiżviluppaw b'mod rapidu b'hall-kontenut diġitali huma fatturi ewlenin għat-
tkabbir tal-ekonomija diġitali. Għalhekk, il-Latvja, il-Litwanja u l-Lussemburgu (minn hawn 'il
quddiem – *l-Istati Membri*) jilqgħu l-fatt li d-Direttiva għandha l-għan li ssaħħaħ il-funzjonament
bla xkiel tas-Suq Uniku Diġitali billi tistabbilixxi regoli uniformi għall-protezzjoni tal-konsumatur
fir-rigward ta' kuntratti għall-forniment ta' kontenut diġitali. B'mod ġenerali, *l-Istati Membri*
jemmnu li l-Approċċ Ġenerali huwa bilanċ delikat bejn l-interessi differenti tal-Istati Membri, kif
ukoll bejn il-livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u ambjent li jiffavorixxi n-negozju.
Għalhekk, *l-Istati Membri* jappoġġaw l-Approċċ Ġenerali.

Madankollu, *l-Istati Membri* jixtiequ jesprimu t-tħassib dwar xi aspetti tat-test li ġie approvat illum.

B'kont meħud tal-problemi li diġà jeżistu fil-prattika, prinċipalment, b'rabta mar-regolamenti
nazzjonali differenti, il-prinċipju ta' armonizzazzjoni sħiħa huwa ewlieni biex jiġi kkompletat is-
Suq Uniku li jiffunzjona sew kemm għall-konsumaturi kif ukoll għan-negozji. Għalhekk, *l-Istati*
Membri jiddispijaċihom li l-proposta oriġinali tal-Kummissjoni Ewropea ddgħajfet billi l-Istati
Membri huma permessi jżommu dispożizzjonijiet nazzjonali differenti dwar xi elementi tad-
Direttiva, partikolarment dwar il-perijodi tal-garanziji legali, it-terminazzjoni ta' kuntratti ta'
perijodu mhux limitat u l-konsegwenzi tat-terminazzjoni ta' pakketti ta' kuntratti. B'dan il-mod l-
ostakli regolatorji għall-kummerċ transfruntier u, għalhekk, il-frammentazzjoni tas-Suq Uniku ser
jibqgħu, u dan ma jippermettix li l-konsumaturi u n-negozji jibbenefikaw minn Suq Uniku Diġitali
verament integrat. Fil-fatt, anke devjazzjoni żgħira mil-livell ta' armonizzazzjoni thedded l-għan
tad-Direttiva sħiħa.

L-Istati Membri jirriżervaw id-dritt li jiddefendu t-tħassib espress hawn fuq f'negozjati
interistituzzjonali futuri.